*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,009, 15 ta' Diċembru, 2006*
*Taqsima B*

**A.L. 323 ta' l-2006**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)**

**Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilu permezz tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, flimkien ma' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu, għan u applikabbiltà.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu biex ikun hemm protezzjoni għall-ħaddiema mir-riskji għal saħħithom, inkluża l-prevenzjoni ta' dawk ir-riskji, li jkunu ġejjin jew mistennija li jiġu mill-fatt li persuna tkun esposta għall-asbestos fuq ix-xogħol. Dawn ir-regolamenti jipprovdu valuri ta' limitu u rekwiżiti speċifiċi oħra.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jiġu esposti matul xogħolhom għal trab li jkun ġej minn asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Asbestos" tfisser il-*fibrous silicates* li ġejjin:

- Asbestos Actinolite, CAS (Servizz Astratt Kimiku) Nru. 77536-66-4,

- Asbestos Gruenerite (*amosite*) CAS Nru. 12172-73-5,

- Asbestos Anthophyllite, CAS Nru 77536-67-5,

- Chrysotile, CAS Nru 12001-29-5,

- Crocidolite, CAS Nru 12001-28-4,

- Asbestos Tremolite, CAS Nru 77536-68-6.

Kap. 424.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol stabbilita bl-artikolu 8 ta' l-Att;

"tabib" tfisser tabib li jkun speċjalizzat fil-mediċina respiratorja, u li jkun maħtur minn min iħaddem biex jeżamina ħaddiema esposti għall-asbestos.

Evalwazzjoni tar-riskju.

**3.** (1) F'każ ta' xi attività li x'aktarx tinvolvi riskju li persuna tkun esposta għat-trab li jkun ġej minn asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos, dan ir-riskju għandu jkun evalwat b'tali mod li jkun jiddetermina ix-xorta u l-grad li għalih ħaddiem ikun espost għal trab li jkun ġej minn asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos:

(2) Iżda l-esposizzjoni għandha tkun sporadika u ta' intensità baxxa, u meta jkun ċar mir-riżultati ta' l-evalwazzjoni tar-riskju imsemmija f'sub regolament (1) illi l-limitu ta' esposizzjoni għall-asbestos fl-arja ta' fejn ikun qed isir ix-xogħol ma jkunx ser jinqabeż, regolamenti 4, 12, 13 (2), 14 u 15 ma jiġux applikati fejn ix-xogħol ikun jinvolvi:

(a) attivitajiet qosra u mhux kontinwi ta' manutenzjoni fejn materjali li ma jfarfrux ikunu qegħdin jiġu manipulati;

(b) tneħħija mingħajr degradazzjoni ta' materjali mhux degradati fejn il-fibri ta' l-asbestos ikunu mwaħħlin sew f'matriċi;

(ċ) l-inkapsular jew l-issiġġillar ta' materjali li jkun fihom l-asbestos li jkunu f'kundizzjoni tajba;

(d) il-monitoraġġ u l-kontroll, u l-ikkollezzjonar ta' kampjuni biex ikun aċċertat jekk materjal speċifiku jkunx fih asbestos.

(3) L-evalwazzjoni provduta fir-regolament 3 (1) għandu jkun is-suġġett ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment u għandu jkun rivedut fejn ikun hemm raġuni għalfejn persuna taħseb li mhux korrett jew li hemm xi bidla materjali fix-xogħol.

Sistema ta' ghoti ta' avviż.

**4.** Bla ħsara għar-regolament 3 (2), għandhom jittieħdu dawn il-miżuri li ġejjin:

(a) l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 1 (3) għandhom ikunu koperti b'sistema ta' notifika mħaddma mill-Awtorità, u l-ebda xogħol li jinvolvi l-asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos ma għandu jibda qabel ma l-Awtorità tkun hekk avżata;

(b) dan l-avviż msemmi f'regolament 4(a) għandu jintbagħat minn min iħaddem lill-Awtorità qabel jibda x-xogħol, u għandu jinkludi tal-inqas deskrizzjoni qasira ta':

(i) il-lok fejn ijkun ser isir ix-xogħol,

(ii) it-tip u l-kwantità ta' asbestos użat jew manipulat,

(iii) l-attivitajiet u l-proċessi involut,

(iv) l-għadd ta' ħaddiema involuti,

(v) id-data ta' meta jkun ser jibda u kemm ikun ser idum ix-xogħol,

(vi) il-miżuri li jkunu ser jittieħdu biex tkun limitata l-esposizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos;

(ċ) mingħajr preġudizzju għal kull liġi jew regolament ieħor li jista' japplika, ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom f'impriżi jew stabbilimenti għandu jkollhom aċċess għad-dokumenti li huma is-suġġett ta' l-għoti ta' avviż l-impriża jew l-istabbiliment tagħhom;

(d) kull darba li xi tibdil fil-kundizzjonijiet li taħthom ikun qed isir ix-xogħol jista' jwassal biex tiżdied b'mod sinifikanti l-esposizzjoni għat-trab ta' l-asbestos jew ta' materjal li jkun fih l-asbestos, għandu jiġi ppreżentat avviż ġdid.

Projbizzjoni ta' l-Asbestos permezz ta' l-isprej.

**5.** (1) L-applikazzjoni ta' l-asbestos permezz tal-proċess ta' l-isprej u l-proċeduri tax-xogħol li jinvolvu l-użu ta' materjal ta' densità baxxa (anqas minn 1g/cm$^3$) li jinsulaw jew iwaqqfu l-ħsejjes li jkun fihom l-asbestos huma projbiti.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet ta' liġijiet u regolamenti oħra li japplikaw fir-rigward tat-tqegħid fuq is-suq u l-użu ta' l-asbestos, attivitajiet li jesponu ħaddiema għall-fibri ta' l-asbestos waqt l-estrazzjoni ta' l-asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti li jkun fihom l-asbestos miżjud intenzjonalment, huma projbiti,

ħlief għat-trattament u t-tneħħija ta' prodotti li jirriżultaw mill-ħatt u t-tneħħija ta' l-asbestos.

Limitazzjonijiet.

**6.** Għall-attivitajiet kollha msemmija fir-regolament 1 (3), l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal trab li jkun ġej mill-asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu mnaqqsa għall-inqas livell u f'kull każ anqas mill-valur ta' limitu stabbilit fir-regolament 8, b'mod partikolari permezz tal-passi li ġejjin:

(a) l-għadd ta' ħaddiema esposti jew li jistgħu jkunu esposti għal trab minn asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos għandu jkun limitat għall-iżgħar għadd possibbli;

(b) proċessi ta' xogħol għandhom ikunu iddisinjati biex ma jipproduċux trab ta' l-asbestos, jew jekk dan ma jkunx jista jsir, li jkun evitat il-ħruġ ta' trab ta' l-asbestos fl-arja;

(ċ) il-post tax-xogħol u l-apparat użat fit-trattament ta' l-asbestos għandu jkun tali li jista jitnaddaf regolarment, b'mod effettiv u li tkun tista' ssir il-manutenzjoni fuqu;

(d) asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos u li jiġġenera t-trab għandu jinżamm u jkun trasportat f'pakketti xierqa siġillati kif approvati għal dan il-għan mill-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar;

(e) l-iskart għandu jinġabar u jitneħħa mill-post tax-xogħol mill-iktar fis possibbli f'pakki xierqa siġillati, b'tabelli li jindikaw li jkun fihom l-asbestos, skond kif meħtieġ b'liġijiet u regolamenti oħra li japplikaw u li jirregolaw ir-rimi ta' materjal tossiku u perikoluż.

Kejl u teħid ta' kampjuni.

**7.** (1) Skond ir-riżultati miksuba mill-evalwazzjoni inizjali tar-riskju, u biex tkun żgurata konformità mal-valur ta' limitu stabbilit f'regolament 8, il-kejl tal-fibri ta' l-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jsir b'mod regolari.

(2) It-teħid ta' kampjuni għandu jkun rappreżentattiv tal-esposizzjoni personali tal-ħaddiem għat-trab li jkun ġej mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos.

(3) It-teħid ta' kampjuni għandu jsir wara konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom f'impriżi jew stabbilimenti.

(4) It-teħid ta' kampjuni għandu jsir minn persunal kwalifikat kif suppost. Il-kampjuni meħuda għandhom ikunu

sussegwentement analizzati, skond sub-Regolament 6, f'laboratorji mgħammra biex janalizzawhom.

(5) It-tul ta' ħin li fih isir il-kejl għandu jkun tali li esposizzjoni rappreżentattiva għal perjodu ta' riferenza ta' tmien sigħat (għal xift wieħed) tista tiġi stabbilita permezz ta' kejl jew kalkoli maħduma skond il-ħin.

(6) L-għadd tal-fibri għandu jsir sa fejn ikun possibbli permezz ta' *phase-contrast microscope* skond l-aktar rakkomandazzjonijiet riċenti u aċċettati komunement. Għal skop ta' kejl ta' l-asbestos fl-arja, skond kif imsemmi f'sub-regolament (1), għandhom ikunu ikkunsidrati biss dawk il-fibri li jkunu itwal minn ħames mikrometri, inqas minn tlett mikrometri wesgħin u l-proporzjon bejn il-wisgħa u t-tul li jkun ikbar minn 3:1.

Applikazzjoni ta' valur ta' limitu.

**8.** Min iħaddem għandu jiżgura li l-ebda ħaddiem ma jkun espost għal konċentrazzjoni ta' l-asbestos fl-arja ogħla minn 0.1 fibri kull ċentimetru kwadrat, bħala medja maħduma fuq tmien sigħat.

Meta jinqabez il-valur ta' limitu.

**9.** (1) Fejn l-valur ta' limitu provdut fir-regolament 8 jinqabeż, ir-raġunijiet għalfejn l-limitu jinqabeż għandhom jiġu identifikati u għandhom jittieħdu miżuri kif xierqa kemm jista' jkun malajr sabiex tiġi irranġata is-sitwazzjoni. Ix-xogħol fiż-żona affettwata ma jkunx jista' jitkompla qabel ma' jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema konċernati.

(2) Sabiex tkun eżaminata l-effikaċja tal-miżuri msemmija fl-ewwel sub-paragrafu, għandha minnufih issir determinazzjoni oħra tal-konċentrazzjoni ta' l-asbestos fl-arja.

(3) Meta l-esposizzjoni ma' tkunx tista' titnaqqas b'mod raġonevoli permezz ta' metodi oħra u fejn ademperament mal-valur ta' limitu jagħmel li jkun neċessarju l-ilbies ta' apparat protettiv respiratorju individwali, dan m'għandux ikun permanenti u għandu jinżamm strettament għall-minimu meħtieħ għal kull ħaddiem. Waqt perjodi ta' xogħol fejn ikun meħtieħ l-użu ta' dan l-apparat, għandu jkun hemm arranġamenti għal perjodi ta' waqfien mix-xogħol li jkunu xierqa skond il-kundizzjonijiet fiżiċi u klimatoloġiċi, u meta rilevanti, f'konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom.

(4) Qabel jinbeda xogħol ta' demolizzjoni jew ta' manutenzjoni, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex jidentifika materjali preżunti li jkollhom l-asbestos, inkluż billi jġib informazzjoni mingħand is-sidien tal-post. Fejn ikun hemm dubju raġonevoli dwar il-preżenza ta' l-asbestos f'materjal jew kostruzzjoni, il-ħtiġijiet li japplikaw ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu osservati.

Drabi ohra fejn il-valur jista' jinqabeż.

**10.** (1) Fil-każ ta' ċertu attivitajiet bħal ma huma demolizzjoni, xogħol ta' tneħħija ta' asbestos, tiswija u manutenzjoni li dwarhom ikun jidher minn qabel li l-valur ta' limitu provdut fir-regolament 8 ikun ser jinqabeż minkejja li jsir użu minn miżuri tekniċi ta' prevenzjoni biex inaqqsu l-konċentrazzjoni tal-asbetos fl-arja, min iħaddem għandu jiddetermina l-miżuri intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li huma jkunu qegħdin jagħmlu dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari dwar il-miżuri li ġejjin:

(a) il-ħaddiema għandhom jingħataw apparat respiratorju adattat u apparat personali protettiv ieħor, li għandu jintlibes; u

(b) għandhom jitwaħħlu sinjali ta' avviż sabiex jindikaw illi jidher biċ-ċar illi l-valuri tal-limitu stipulati fir-regolament 8 ikunu sejrin jinqabżu; u

(ċ) it-tixrid barra mill-post, jew sit ta' ħidma, ta' trab li jkun ġej minn asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos, għandu jkun evitat.

(2) Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew stabbiliment għandhom jiġu konsultati fuq dawk il-miżuri qabel ma' jseħħu l-attivitajiet in kwistjoni.

Pjan ta' xogħol.

**11.** (1) Għandu jkun imħejji bil-miktub pjan ta' xogħol qabel ma' jibda xogħol li jinvolvi t-twaqqigħ jew isir xogħol sabiex jitneħħa l-asbestos u, jew prodotti li jkun fihom l-asbestos minn bini, strutturi, impjanti jew installazzjonijiet jew minn fuq vapuri.

(2) Il-pjan imsemmi fis-subregolament (1) għandu jordna l-miżuri neċessarji sabiex tkun żgurata s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Il-pjan għandu b'mod partikolari jiżgura illi:

(a) asbestos u, jew prodotti li jkun fihom l-asbestos ikunu ser jitneħħew qabel jinbeda xogħol ta' demolizzjoni, ħlief meta dan ikun ser jikkaġuna riskju ikbar lill-ħaddiema milli kieku jitħallew fil-post l-asbestos jew prodotti li jkun fihom l-asbestos;

(b) l-apparat personali protettiv msemmi fir-regolament 10 (1) (a) ikun provdut, meta dan ikun neċessarju;

(ċ) meta x-xogħol ta' demolizzjoni jew tneħħija tal-asbestos ikun tlesta, l-assenza ta' riskji ta' esposizzjoni għall-asbestos fil-post tax-xogħol għandha tiġi verifikata.

(3) L-pjan għandu jinkludi informazzjoni fuq dan li ġej:

(a) ix-xorta tax-xogħol u kemm hu mistenni li dan idum;

(b) l-post fejn ser isir ix-xogħol,

(ċ) l-metodi applikati fejn ix-xogħol jinvolvi l-asbestos jewxi materjal li jkun fihom l-asbestos,

(d) l-karatteristiċi tal-apparat użat għall:–

- protezzjoni u tneħħija tal-kontaminazzjoni ta' dawk li jkunu qed jagħmlu x-xogħol,

- protezzjoni ta' nies oħra preżenti fuq jew viċin l-post tax-xogħol.

(4) L-pjan msemmi fis-subregolament (1) għandu jkun notifikat lill-Awtorità qabel ma' jibda x-xogħol proġettat, u l-Awtorità tista titlob li jittieħdu miżuri preventivi jew protettivi addizzjonali sabiex tkun salvagwardjata aħjar s-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiema u, jew ta' terzi persuni.

**12.** (1) Fil-każ ta' l-attivitajiet kollha msemmija fir-regolament 1 (3), għandhom jittieħdu miżuri adatti sabiex ikun żgurat li: Miżuri xierqa.

(a) l-postijiet li fihom iseħħu l-attivitajiet msemmija hawn qabel:

(i) ikollhom indikati l-limiti ta' fejn ikun ser isir ix-xogħol immarkati b'mod ċar u indikati b'sinjali ta' avviz;

(ii) isiru mhux aċċessibbli għall-ħaddiema ħlief għal dawk li minħabba x-xorta tax-xogħol jew dmirijiet tagħhom ikunu jeħtieġu li jidħlu fihom;

(iii) jiffurmaw żoni fejn ma jkunx permess it-tipjip;

(b) ikollhom żoni apparti fejn ħaddiema ikunu jistgħu jieklu u jixorbu mingħajr biża ta' kontaminazzjoni mit-trab ta' l-asbestos;

(i) ħaddiema huma provduti b'ilbies tax-xogħol jew protettiv kif adatt;

(ii) dan l-ilbies tax-xogħol jew protettiv jibqa fl-impriża. Jista', madankollu, ikun maħsul fi stabbilimenti barra mill-impriża li huma mgħammra għal dan it-tip ta' xogħol jekk l-impriża ma' tnaddafx l-ilbies hija stess; f'dak il-każ l-ilbies għandu jitwassal f'kontenituri magħluqa;

(iii) ikun hemm postijiet separati fejn jiġu merfugħa l-ilbies tax-xogħol jew dak protettiv u għall-ilbies ta' barra;

(iv) ħaddiema ikunu provduti b'faċilitajiet xierqa u adegwati fejn jinħaslu u għal bżonnijiet sanitarji, inkluża doxxa fil-każ ta' xogħlijiet li jkunu jinvolvu t-trab;

(v) apparat protettiv għandu jitqiegħed f'post definit sew u għandu jiġi eżaminat u mnaddaf wara kull meta jintuża; miżuri xierqa għandhom jittieħdu sabiex jiġi msewwi jew mibdul apparat difettuż qabel ma' dan jerġa jintuża.

(2) Ħaddiema ma' jistgħux jitgħabbew bl-ispejjez tal-miżuri meħuda skond dan ir-regolament.

Informazzjoni lill-ħaddiema.

**13.** (1) Fil-każ ta' l-attivitajiet kollha msemmija f'regolament 1 (3), għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat illi ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment jirċievu informazzjoni xierqa dwar:

(a) ir-riskji potenzjali għas-saħħa mill-esposizzjoni għat-trab li jkun ġej mill-asbestos jew materjal li jkun fih l-asbestos,

(b) l-eżistenza ta' valuri ta' limitu statutorji u l-bżonn li l-atmosfera tkun sottoposta għall-monitoraġġ,

(ċ) rekwiżiti ta' iġene, inkluż il-bżonn li wieħed ma' jpejjipx,

(d) l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu rigward l-ilbies u l-użu ta' apparat u lbies protettiv,

(e) prekawzjonijiet speċjali iddisinjati sabiex inaqqsu l-esposizzjoni għall-asbestos.

(2) Flimkien mal-miżuri msemmija fis-subregolament (1), u bla ħsara għal regolament 3 (2), għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat illi:

(a) ħaddiema u, jew rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment għandhom jigu għandhom aċċess għar-riżultati tal-kejl tal-konċentrazzjoni ta' l-asbestos fl-arja u jistgħu jingħataw spjegazzjonijiet tas-sinjifikat ta' dawk ir-riżultati;

(b) jekk r-riżultati jeċċedu l-valuri ta' limitu provduti fir-regolament 8 l-ħaddiema in kwistjoni u r-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew fl-istabbiliment għandhom jiġu infurmati kemm jista' jkun malajr dwar l-fatt u r-raġuni għal dan u l-ħaddiema u,

jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment jigu konsultati fuq il-miżuri li għandhom jittieħdu jew, f'emergenza, jiġu infurmati dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu.

**14.** Bla ħsara għar-regolament 3 (2) għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin: Sorveljanza tas-saħħa.

(a) eżami ta' l-istat tas-saħħa ta' kull ħaddiem, inkluż eżami speċifiku tas-sider, għandu jsir qabel ma ħaddiem ikun espost fuq ix-xogħol għat-trab ta' l-asbestos, u għal dan il-għan, tabib li jkun qed jagħmel dan l-eżami jista' jiggwida ruħu bir-rakkomandazzjonijiet prattiċi li hemm fi Skeda I;

(b) eżami ġdid għandu jsir mill-inqas darba kull tlett snin sakemm il-ħaddiem jibqa' jkun espost, u t-tabib għandu jistabbilixxi rekord tas-saħħa għal kull individwu hekk eżaminat:

Iżda t-tabib għandu jgħaddi lil min iħaddem, b'mod strettament kunfidenzjali, ir-riżultati ta' dak l-eżami u xi rakkomandazzjonijiet magħmula, u min iħaddem għandu jagħti kopja lill-ħaddiem ta' dak ir-riżultat ta' l-eżami u tar-rakkomandazzjonijiet magħmulin lill-ħaddiem konċernat;

(ċ) wara s-sorveljanza klinika msemmija f'dan ir-regolament, it-tabib responsabbli għas-sorveljanza medika tal-ħaddiema għandu javża fuq, jew jiddetermina x'miżuri protettivi jew preventivi individwali għandhom jittieħdu; dawn jistgħu jinkludu, fejn xieraq, t-tneħħija tal-ħaddiem involut milli jiġi b'xi mod espost għall-asbestos. It-tabib jista' jirreferi xi każ partikolari lill-Awtorità għal istruzzjonijiet speċifiċi;

(d) għandhom jingħataw informazzjoni u pariri lill-ħaddiema rigward xi eżami tas-saħħa tagħhom li jista jsirilhom wara li jieqfu milli jibqgħu esposti. It-tabib jista' jindika li s-sorveljanza medika għandha tibqa ssir wara t-tmiem ta' l-esposizzjoni għal kemm żmien huwa ikkunsidrat meħtieħ biex tkun salvagwardata s-saħħa tal-persuna konċernata;

(e) il-ħaddiem involut jew min iħaddem jista' jitlob reviżjoni ta' l-istima msemmija fil-paragrafi (a) u (b).

**15.** Bla ħsara għar-regolament 3 (2) għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin: Żamma ta' reġistru tas-saħħa.

(a) Min iħaddem għandu jniżżel isem il-ħaddiema responsabbli biex jagħmlu l-attivitajiet msemmija fir-regolament 1 (3) f'reġistru u għandu jindika x-xorta u d-dewmien ta' l-attività

għal dak li jkun soġġett u espost għalih. It-tabib u, jew l-Awtorità għandu jkollhom aċċess għal dan ir-reġistru. Kull ħaddiem għandu jkollu aċċess għar-riżultati fir-reġistru li jkun jolqot lilu personalment. Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fir-reġistru b'mod kollettiv u anonimu.

(b) Ir-reġistru u d-dokumenti mediċi msemmija fir-regolament 14(a) u (b) għandhom jinżammu għal mill-inqas 40 sena wara li ħaddiem ma jibqax aktar espost.

(ċ) L-Awtorità għandu jkollha aċċess għad-dokumenti msemmija f'dan ir-regolament f'każ li l-intrapriża tieqaf topera.

Min ihaddem ghandhu jipprovdi tahriġ.

**16.** (1) Min iħaddem għandu jipprovdi taħriġ xieraq lill-ħaddiema kollha li jkunu esposti, jew li jistgħu jkunu esposti għal trab li jkun fih l-asbestos. Dan it-taħriġ għandu jingħata regolarment u b'xejn lill-ħaddiema.

(2) Il-kontenut tat-taħriġ għandu jiftiehem faċilment mill-ħaddiema. Għandu jgħinhom jakkwistaw it-tagħrif u l-ħiliet f'dik li hi prevenzjoni u sigurta, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-proprjetajiet tal-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa inkluż l-effett sinerġistiku tat-tipjip;

(b) it-tipi ta' prodotti jew materjal li jista' jkollhom l-asbestos;

(ċ) il-ħidmiet li jistgħu jirriżultaw f'esposizzjoni għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli ta' prevenzjoni biex titnaqqas l-esposizzjoni;

(d) il-prattiċi ta' xogħol mingħajr perikli, kontrolli u apparat ta' protezzjoni;

(e) ir-rwol xieraq, l-għażla u s-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu tajjeb ta' l-apparat respiratorju;

(f) proċeduri ta' emerġenza;

(g) proċeduri ta' dekontaminazzjoni;

(h) rimi ta' skart;

(i) ħtiġijiet għal sorveljanza medika.

(3) Qabel ma jsir xogħol ta' demolizzjoni jew tneħħija ta' asbestos, min iħaddem għandu jagħti prova lill-Awtorità dwar l-abbiltà tiegħu f'dan il-qasam, u l-Awtorità tista titlob lil min iħaddem u li jkun qed jaħdem jew li jkollu l-intenzjoni li jaħdem f'dan il-qasam biex jiġi reġistrat magħha, u meta tagħmel dan, l-Awtorità tista' tiddetermina l-kriterji għal reġistrazzjoni bħal dik.

**17.** (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru ta' każijiet konfermati ta' asbestożi u ta' mesotelioma, u għal dan il-għan, kull dipartiment, aġenzija jew entità governattiva li tkun notifikata b'xi mod bl-okkorrenza ta' każ ta' asbestożi u, jew mesotelioma, għandu jinforma lill-Awtorità b'tali notifika, u għandu wkoll jgħaddi lill-Awtorità kull dettal rilevanti ieħor magħruf mid-dipartiment, aġenzija jew entità. Reġistru ta' każijiet konfermati ta' asbestożi u ta' mesotelioma.

**18.** Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull regolament ieħor, jew għal xi kundizzjoni magħmula jew imposta minn xi awtorità oħra kompetenti f'Malta rigward l-importazzjoni, l-użu, it-trasport, id-disponiment, iż-żamma jew l-esportazzjoni ta' l-asbestos jew ta' xi materjal li jkun fih l-asbestos. Riserva.

**19.** F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jsiru taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattikabbli jew sakemm din tkun bir-raġun prattikabli, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattikabbli biex issir xi ħaġa, ikun l-akkużat li għandu jipprova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattikabbli jew bir-raġun prattikabbli li jagħmel iktar milli fil-fatt ikun għamel biex iwettaq dak id-dmir jew dik il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw biex iwettaq dak id-dmir jew dik il-ħtieġa. Fuq min taqa' l-prova.

**20.** Kull min xjentement jew bi traskuraġni jindaħal fil-proċess li jiġi provdut post tax-xogħol sigur u bla periklu, ikun ħati ta' reat. Reati.

**21.** Ir-Regolamenti ta' l-2003, dwar il-Protezzjoni tal-Haddiema mir-Riskji li jinħolqu meta wieħed ikun Espost għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol, huma b'dawn mħassrin. Tħassir ta' l-A.L. 123 ta' l-2003.

SKEDA I

**Rakkomandazzjonijiet prattiċi għal-eżami kliniku tal-ħaddiema, kif msemmi fir-regolament 14 (1)**

1. Tagħrif kurrenti jindika li persuna liberament esposta għall-fibri ta' l-asbestos tista' tasal għall-mard li ġej:

- asbestożi,

- mesotelioma,

- karċinoma tal-bronki,

- karċinoma gastro-intestinali.

2. It-tabib responsabbli għas-sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti għall-asbestos għandu jkun familjari mal-kundizzjonijiet ta' esposizzjoni jew maċ-ċirkostanzi ta' kull ħaddiem.

3. Is-sorveljanza klinika tal-ħaddiema għandha isseħħ skond il-prinċipji u l-prattiċi tal-mediċina industrijali. Għandha mill-inqas tinkludi dawn il-miżuri li ġejjin:

- żamma ta' dokumenti ta' l-istorja medika u tax-xogħol ta' kull ħaddiem,

- laqgħa personali,

- eżami ġenerali kliniku, b'riferenza partikolari għas-sider,

- eżami tal-funzjoni respiratorja (*respiratory flow volumes and rates*).

It-tabib għandu jiddeċiedi dwar testijiet oħra, bħal ma huma *sputum cytology* jew *X-ray* tas-sider jew testijiet oħra radjoloġiċi kif imiss, fil-kuntest tat-tagħrif l-aktar reċenti magħruf fil-mediċina industrijali.